li jkissru ż-żrar jew li jimlew is-siġġijiet, u b'dawk taċ-ċippitatu? Huma nies li mietu, u magħhom intemm ix-xogħol li kienu jagħmlu. Min mill-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum qatt ra jsir ix-xogħol tal-ġibs u tal-ġanitill? U fejn huma l-kaless, it-tram u l-omnibus? Fejn huma l-kataletti, il-kwiener u l-egħnienel? Kollha għabu mal-mixja ħafifa tal-progress. Il-progress difinhom, u minflokhom il-moħħ ekonomiku u xjentifiku tal-bniedem tana mezzi u materjal aħjar, aktar komdu u li jaqbel mal-ħajja mgħaġġla, mekkanika li qed ngħixu fiha.

Imma għandu mnejn fil-kumdità ta' djarna, mixħutin fuq pultruna ratba, forsi wkoll bit-television mixgħul quddiemna jew b'xi radjo ma' ġenbna jsemmagħna għana l-ġmiel tiegħu ġej minn artijiet mijiet ta' mili bogħod minna, għandu mnejn nitħajru ninqatgħu għal ftit mill-ħajja reali u mmorru bi ħsebijietna lejn iż-żmien imbiegħed, u wkoll mhux tant imbiegħed, ta' niesna u naraw kif kienu jgħixu u jaħdmu biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum. Ngħid għalija, biex jaqtagħna minn din il-ħajja reali u jurina l-ħajja qadima ta' niesna, ma nsib xejn aħjar minn dan il-ktieb tal-Professur Galea, "Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi".

Dan hu ktieb mill-iżjed interessanti mimli b'informazzjoni u b'tagħlim li jixħet dawl ċar ħafna fuq il-ħidma u d-drawwiet ta' missirijietna. Bis-sengħa tiegħu artistika, il-Professur Galea qanqal fina mill-ġdid it-tifkira ta' l-imgħoddi, u mill-ġdid erġajna rajna quddiemna dawk il-persunaġġi antiki li konna nafuhom sewwa bix-xogħol u s-snajja' tagħhom u li l-lum indifnu taħt il-ħerba taż-żmien.

ĠUŻE' CHETCUTI.

## ĦSIEB

*Ta' TREVOR ZAHRA*

Dawk kollha li d-dinja fawruha
Bit-tila, bil-rus u l-vjolin,
Il-mewt qatlet nofshom,
Għax waqt li f'qabarhom
Id-dinja għaqlija żammithom ħajjin.

Lil dawk illi kabbru l-moħqrija
Bix-xafra w l-azzarin,
Għalkemm bi smerrija
Id-dinja għaqlija
Żammithom ukoll mal-ħajjin.

Iżda l-għażżien illi tliegħeb,
Fin-nofs,
Id-dinja għaqlija
Xeħtitu f'mensija
Minn qabel ma miet!



# REBHU T-TNEJN

*Novella ta' ALFRED MASSA*

Mitluqa fuq sufan fis-salott, Olga kienet qed tlegleg ftit whisky u tħares lejn id-duħħan li kienet tarmi minn ħalqha u mnifsejha; duħħan ta' sigarrett! Bla ma taf kif, dak id-duħħan ġibdilha l-attenzjoni u fakkarha kif kollox fil-ħajja jista' jiġi mxebbah miegħu; kollox igħix għal ftit ħin u mbagħad jisparixxi u jintilef fix-xejn, dak ix-xejn li hu l-għajn ta' kull ma naraw madwarna saħansitra tagħna l-bnedmin.

"Bluha! . . . Kollox bluha . . . Qerq bla tarf kull fejn iddawwar wiċċek! . . . Dinja kiefra u bla qalb!" tenniet hekk kif minn għajnejha qabżulha żewġ demgħat sħan li ħassithom neżlin ma' ħaddejha, u qatra minnhom saħansitra ratha taqa' ġot-tazza u titħallat mal-ftit whisky li kien għad baqa' fiha.

"Xhieda ħajja tabilħaqq, ta' kif inhi magħġuna ħajjet il-bniedem. Ferħ u niket . . . Whisky u dmugħ . . . " tenniet b'qalbha maqsuma. Imbagħad kollha mgħaġġla żvujtat it-tazza, qamet bil-herra minn fejn kienet u resqet lejn mera kbir li kien hemm imdendel fuq il-cocktail.

X'ħin ħarset fil-mera u rat wiċċha mixrub u safrani, ħassitha timtela bil-qilla, rasset xufftejha ma' xulxin u waqt li għaqqdet il-ponnijiet infaqgħet f'bikja u fost l-ilfiq bdiet ittenni waħda f'waħda.

"Ġino! . . . Nisħtek Ġino! . . . Iva nisħtek! . . . Bniedem supperv! . . . Iżda ladarba tlaqt int, int ikollok terġa' lura. Olga qatt ma taqa' għalik . . . . Bniedem bla qalb! . . . "

Imbagħad biex bħallikieku titħallas mill-mera talli kien urieha s-sewwa dwar persunitha, bħal waħda mitlufa minn sensiha qabdet it-tazza li kienet għadha f'idha u waddbitha b'kemm kellha saħħa għal fuqu; il-mera tkisser f'mitt biċċa. Il-ħoss kompla ħasadha. Bla ma taf kif reġgħet imxiet lura u ntefgħet kif ġie ġie fuq is-sufan tolfoq qisha tarbija.

* * *

Igħidu, li sajjetta fil-bnazzi taħsdek aktar minn waħda fil-maltemp. Hekk ġara lil dawn iż-żewġ żgħażagħ Olga u Ġino. Għal għaxar snin sħaħ il-ħajja miżżewġa għalihom kienet minsuġa biss minn hena u mħabba. Kienu l-għaxqa ta' kull min jafhom u xempju ħaj ta' familja li tkun qed tikber minn xitla għal siġra. Tfal ma tahomx. Kollu minnu li t-tfal kienu jixtiquhom u ħobbuhom ħafna, iżda l-imħabba li kellhom għal xulxin ma ħallithomx jintilfu fuq xewqat li ma jiddependux mill-bniedem imma mill-pjan bla qiies tal-Ħallieq. Olga u Ġino kienu medhija b'xulxin u kull fejn